MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2545/1998/1

**ANGELO CUTAJAR & SONS LIMITED**

**vs**

**Dr. Anthony CREMONA u P.L. Paul Saliba li, b'Degriet tal-15 ta' Jannar, 1999, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ayad Goma Eteer**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Diċembru, 1998, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi Angelo Cutajar & Sons Company Limited hja kreditriċi tal-konvenut l-assenti Ayad Goma Eteer fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf, tlett mija u erbgħa u sittin dollaru Amerikan (US$28,346) liema somma tammonta għal disat elef seba' mija u erbgħa u sebgħin lira maltija (Lm9,774), skond ir-rata tal-kambju ta' dak iż-żmien, rappreżentanti l-prezz ta' merkanzija

konsistenti f'merċa ta' l-ikel mibjugħa lill-konvenut fuq ordni tiegħu stess;

Illi l-konvenut aċċetta li jħallas is-somma fuq indikata permezz ta' skrittura privata datata 15 ta' Diċembru, 1993 kif jirriżulta aħjar mill-annessa kopja indikata bħala Dok. AC;

Illi minkejja diversi laqgħat u komunikazzjonijiet inkluzi vjaġġi lejn il-Libya u kuntatti diplomatiċi ntiżi sabiex jagħmlu pressjoni fuq il-konvenut biex jadempixxi l-obbigi tiegħu derivanti mill-imsemmija skrittura, huwa baqa' inadempjenti;

Illi minħabba l-inadempjenza tal-konvenut sabiex iħallas is-somma fuq indikata tempestivament u konformement mat-termini perentorji miftehma fl-imsemmija skrittura, is-soċjeta' attriċi sofriet u għadha ssofri danni kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess, għaliex m'għandhiex:

1. Prevja dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li s-soċjeta' attriċi Angelo Cutajar & Sons Company Limited hija kreditriċi tal-konvenut Ayad Goma Eteer fis-somma fuq indikata, tikkundanna lill-konvenut nomine iħallas is-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmienja u għoxrin elf tlett mija u erbgħa u sittin dollaru Amerikan (US$28,346) ammontanti għal disat elef seba' mija u erbgħa u sebgħin lira maltin (Lm9,774) skond ir-rata tal-kambju ta' dak iż-żmien, rappreżentanti l-prezz ta' merkanzija konsistenti f'merċa ta' l-ikel mibjugħa lill-konvenut fuq ordni tiegħu stess, liema somma l-konvenut obbliga ruħu li jħallas is-soċjeta' attriċi skond skrittura privata tal-15 ta' Diċembru, 1993;

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi minħabba l-inadempjenza tiegħu li jħallas is-somma dovuta lis-soċjeta' attriċi tempestivament u konformement mat-termini perentorji miftehma fl-iskrttura suindikata;

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta’ attriċi okkorrendo bl-opra ta’ perit nominand;

4. Tikkundana lill-konvenut iħallas lis-soċjeta’ attriċi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data ta’ l-iskrittura privata sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta’ Jannar, 1999[1], li permezz tiegħu ħatret lill-Avukat Dottor Anthony Cremona u lill-Prokuratur Legali Paul Saliba bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-imħarrek assenti;

Rat in-Nota mressqa fis-26 ta’ Marzu, 1999, li biha l-imsemmija Kuraturi Deputati eċċepew:

1. Illi huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawża u għaldaqstant jirriservaw id-dritt li jippreżentaw osservazzjonijiet responsivi u sottomissjonijiet oħrajn fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) mogħti waqt is-smigħ tat-18 ta’ Jannar, 2000[2], fuq talba b’rikors tal-Kuraturi Deputati tad-29 ta’ Novembru, 1999, li bih laqgħet it-talba biex titħalla titressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri dwar jekk il-Qorti għandhiex ġurisdizzjoni tisma’ l-kawża;

[1] Paġ. 6 tal-proċess
[2] Paġ. 65 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrkin Kuraturi Deputati fit-30 ta' Marzu, 2000, li biha eċċepew:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' dan il-każ stante li ma jirriżuta minn imkien li l-konvenut asseti huwa wieħed mill-persuni indikati fis-subinċiz wieħed ta' l-artiklu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Frar, 2001[3], fejn l-avukat tal-parti attriċi fisser taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 742 din il-Qorti tista' teżerċita s-setgħa tagħha biex tisma' l-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-ġurisdizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba n-nuqqas ta' ħlas f'waqtu;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrkin Kuraturi Deputati laqgħu billi, għall-ewwel, qalu li m'humiex midħla mal-każ u irriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet oħrajn fil-waqt xieraq. Xi żmien wara, ressqu l-eċċezzjoni li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għaliex l-imħarrek *proprio* m'huwiex waħda mill-persuni li jaqgħu taħt is-sub-

[3] Paġ. 74 tal-proċess

artikolu (1) tal-artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari, li hija waħda ikklassifikata bħala dilatorja tal-ġudizzju u li, skond l-artikolu 730 tal-Kodiċi għandha tiġi maqtugħa b'deċiżjoni għaliha, jew qabel jew inkella flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. L-eċċezzjoni taħt eżami hija, fil-qofol, eċċezzjoni dwar il-kompetenza[4] ta' Qorti li tqis talba mressqa quddiemha u dan skond ma jissemma fl-artikolu 741(a) tal-Kodiċi, u li b'rieda tal-liġi hija waħda mill-eċċezzjonijiet li l-Qorti tista' tqanqal minn rajha[5], imbasta dan isir f'waqt bikri tal-kawża *in limine*[6];

Illi jibda biex jingħad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa msawwar, il-kwestjoni ta' jekk Qorti Maltija għandhiex is-setgħa li tisma' u tqis kawża mressqa quddiemha (u li l-mertu tagħha jaqa' fil-kompetenza tagħha) trid titqies b'riferenza għall-kwalitajiet tal-persuna mħarrka, l-iżjed fejn ir-raġuni tal-ġurisdizzjoni hija mibnija fuq il-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta[7]. Din it-tifsira m'hija xejn għajr l-applikazzjoni tal-massima ġuridika ewlenija li *actor sequitur forum rei* u tal-oħra li tipprovdi *ubi te invenio, ibi te convenio*;

Illi, fil-każ partikolari u mill-provi li tressqu s'issa wieħed irid ifittex jekk (a) jirriżultax li l-obbligazzjoni li biha ntrabat l-imħarrek hijiex waħda li ġiet kontrattata f'Malta jew inkella jekk kellhiex tiġi eżegwita f'Malta, u (b) jekk, minħabba l-fatt li l-imħarrek ma jinsabx f'Malta fiżikament, il-"preżenza" tiegħu hijiex mod ieħor stabilita fil-persuna tal-Kuraturi Deputati maħturin biex jidhru għalih fl-atti tal-kawża u fl-atti l-oħrajn konnessi u anċillari;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ewwel tliet (3) ċirkostanzi kontemplati fil-paragrafi (a), (b) u (ġ) tas-sub-

---

[4] App. Ċiv. **31.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Paċe et noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.320**)
[5] Art. 774(a) tal-Kap 12 u P.A. **25.10.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Wells vs Borġ Olivier de Puget et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.749**)
[6] Kumm. **14.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Portanier Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XLI.iii.1228**)
[7] App. Ċiv. **8.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catharina Harvey vs Dr. Peter Caruana Galizia noe***

artikolu (1) tal-artikolu 742 ma japplikawx għal dan il-każ. L-imħarrek *proprio* ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-kategoriji ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala persuni li l-Qrati Maltin jistgħu jeżerċitaw ġurisdizzjoni dwarhom minħabba n-nazzjonalita', id-domiċilju jew li aċċettaw li joqogħdu għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Lanqas ma jidher li tista' tapplika ċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 742(1)(ċ) għaliex dik id-dispożizzjoni tapplika għal azzjoni reali dwar ħaġa li tkun tinsab f'Malta, filwaqt li l-kawża preżenti hija waħda personali, sewwasew konsistenti f'talba għall-ħlas ta' kreditu[8];

Illi għalhekk, jeħtieġ li jitqiesu t-tliet (3) ċirkostanzi l-oħrajn imsemmijin f'dak l-artikolu, għaliex jekk l-ebda waħda minnhom ma tirrizulta, allura l-eċċezzjoni taħt eżami għandha titqies mistħoqqa. Iż-żewġ ċirkostanzi li jsegwu[9] jitolbu l-preżenza tal-imħarrek f'Malta. Għall-finijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, bi "preżenza" wieħed ma jifhimx biss preżenza attwali u fiżika, imma jinkludi fiha wkoll preżenza permezz ta' persuna rappreżentanti tagħha[10]. Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'għandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma għandha tgħodd għal kull rabta li titnissel *ex lege*, minn kuntratt u saħansitra minn dawk imnisslin *ex delicto*[11];

Illi, jekk wieħed iqis il-fattispeċi tal-każ, għandu jirriżulta li n-negozju li nissel id-dejn li l-kumpannija attriċi qegħda tfittex lill-imħarrek għall-ħlas tiegħu f'din il-kawża seħħ f'Malta. Kien bejgħ u konsenja (oġġetti alimentari) li l-imħarrek xtara mingħand il-kumpannija attriċi f'Malta u ħadhom miegħu fil-Libja. Il-bejgħ kien wieħed minn sensiela ta' negozji li seħħew tul medda ta' żmien bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek kull meta dan kien jitla' Malta mil-Libja. Il-bejgħ kien dejjem isir f'Malta u l-imħarrek kien itella' l-merċi miegħu fuq il-bastiment meta jbaħħar lura lejn il-Libja[12]. Il-kumpannija attriċi hija waħda

[8] Ara, per eżempju, P.A. **3.12.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Montanaro Gauċi et noe*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.727**)

[9] Art. 742(1)(d) u (e) tal-Kap 12

[10] Kumm. **29.5.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis England noe vs England noe*** (Kollez. Vol: **XLIII.iii.856**)

[11] Ara, per eżempju, P.A. **11.1.1918** fil-kawża fl-ismijiet ***G.E.C. vs Page et*** (Kollez. Vol: **XXIII.ii.277**)

[12] Ara affidavit Ray Cutajar f'paġġ, 25-7 tal-proċess

reġistrata f'Malta u s-sedi soċjali tagħha jinsab f'Malta. Il-prezz tal-merkanzija mibjugħa kien miftiehem f'valuta legali Maltija, u l-ħlas, fl-okkażjonijiet ta' qabel, dejjem sar f'Malta f'valuta Maltija;

Illi kien biss meta ġie iffirmat il-ftehim tal-15 ta' Diċembru, 1993[13], ġewwa lukanda fil-Libja, li l-partijiet donnhom ftehmu li l-ħlas kellu jsir f'għamla ta' tpartit b'xiri ta' merċi oħrajn minn u ġol-Libja u bi ħlas f'valuta legali Libjana jew f'denominazzjoni ta' dollari Amerikani. Madankollu, kien miftiehem ukoll li l-ħlas min-naħa tal-imħarrek kellu jsir fis-sedi tal-Ambaxxata Maltija fi Tripli u li l-irċevuta tal-ħlas titħalla minn rappreżentant tagħha f'isem il-kumpannija attriċi. Dak il-ftehim kien il-mod ta' kif l-obbligazzjoni li twieldet f'Malta tiġi mwettqa;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett jekk persuna tkunx intrabtet li twettaq obbligazzjoni f'Malta jew li f'Malta jseħħ l-effett tal-obbligazzjoni, wieħed irid jifhem li l-leġislatur ried jirreferi għal dawk l-obbligazzjonijiet li, min-natura tagħhom stess jew mill-mod ta' kif u fejn għandhom jiġu eżegwiti, tabilfors jeħtieġu li jingħata effett lilhom f'Malta[14]. Il-Qorti tifhem li l-obbligazzjoni li ntrabat biha l-imħarrek kellha titwettaq f'Malta, u l-mod tat-twettiq tagħha (jiġifieri l-modalita' tal-ħlas kif miftehma bil-kitba li saret fil-15 ta' Diċembru, 1993) kien ukoll maħsub li jsir f'Malta, jekk wieħed iqis is-sede ta' Ambaxxata bħala estensjoni tat-territorju tal-pajjiż rappreżentat minnha;

Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet u fatti li joħorġu s'issa mill-atti tal-kawża wieħed jista' jislet il-fehma li dan kien każ ta' obbligazzjoni ikkuntrattata f'Malta, fejn ukoll kellu jkollha effett. Fi kliem ieħor, il-*lex loci contractus vel executionis* kien isejjes is-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża mressqa quddiemha;

Illi jifdal li jiġi mistħarreġ jekk, minħabba li l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 742(1) tal-Kap 12 tiddependi mill-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta,

---

[13] Ara Dok "B", f'paġġ. 35-7 tal-proċess u l-verżjoni tradotta tiegħu f'paġ. 38

[14] Kumm. GS **5.11.1979** fil-kawża fl-ismijiet***Dottor Michael Mallia noe vs Charles H. Rosemblatt*** (mhix pubblikata)

jistax jingħad li tali preżenza twettqitx bil-ħatra ta' Kuraturi Deputati. Dwar dan, il-Qrati tagħna sa minn żmien stabilew li l-ħatra ta' Kuraturi Deputati tagħmel tajjeb għan-nuqqas fiżiku tal-parti debitriċi fil-ġurisdizzjoni[15]. B'dan il-mod, u bil-ħarsien tal-proċedura speċifika li trid il-liġi, il-Kuratur Deputat maħtur minn Qorti fuq talba tal-parti attriċi jieħu fuqu l-personalita' tal-parti mħarrka li tista' tkun mhux magħrufa, inkapaċi jew saħansitra 'l bogħod mill-ġurisdizzjoni waqt iż-żmien li l-kawża tkun qegħda tinstama' jew waqt parti minn dak iż-żmien[16];

Illi b'żieda ma' dan huwa stabilit ukoll li l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin taħt il-paragrafu (e) tal-artikolu 742 hija msejsa kif imiss imqar jekk il-parti mħarrka kellha f'Malta mandatarju speċjali (jiġifieri mhux wieħed b'ħatra ġenerali), jekk kemm-il darba l-azzjoni kienet waħda li tolqot is-setgħat mogħtijin b'mandat bħal dak[17]. Il-Kuraturi Deputati, madankollu m'għandhomx jingħaddu bħallikieku sempliċi mandatarji[18], għaliex bejn il-ħatra ta' mandatarju min-naħa tal-persuna li ma tinsabx f'Malta u l-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għalih jidher li hemm differenza fondamentali. Tali differenza tikkonsisti mill-fatt li l-ħatra ta' mandatarju (imqar jekk bi prokura ġenerali) hija volontarja min-naħa tal-mandant, filwaqt li huwa ma jkollu l-ebda sehem (anzi, x'aktarx hija ħatra ko-atta) fil-ħatra f'ismu ta' Kuraturi Deputati. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ħatra waħedha ta' Kuratur Deputat għal parti li ma tkunx tinsab f'Malta m'hijiex biżżejjed biex issejjes l-element ta' preżenza fil-ġurisdizzjoni, fejn tali preżenza hija meħtieġa, imma sservi biss biex tintegra l-ġudizzju fejn, **minħabba ċirkostanzi oħrajn li bihom il-ġurisdizzjoni hija altrimenti stabilita**, kawża titressaq quddiem Qorti Maltija. Li kieku kellha tingħata tifsira oħra, kien ikun ifisser li l-ħtieġa tal-liġi għall-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta kienet tkun waħda sempliċement tejoretika, billi din

[15] P.A. **7.6.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et vs Vigo*** (Kollez. Vol: **XXVI.ii.298**)
[16] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misrahi et vs Rosaria armla Cassar et*** (Deċiż. Kost., Għ.S.L., 1979, paġġ. 179-180)
[17] Kumm. **9.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Mirabelli noe vs Mifsud noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.652**)
[18] Ara App. Ċiv. **15.12.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono et vs Falzon*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.321**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija li jfissru l-pożizzjoni differenti tal-Kuraturi Deputati, kuraturi *ad litem* u mandatarji

setgħet tingħeleb kull darba billi wieħed jirrikorri għall-ħatra ta’ Kuratur Deputat u b’hekk joħloq “il-preżenza”;

Illi, għalhekk, safejn allura hemm ċirkostanzi fejn il-preżenza tal-imħarrek f’Malta hija meħtieġa, ma jidhirx li dan il-vot huwa mwettaq f’dan il-każ;

Illi, jifdal ċirkostanza fejn il-liġi[19] trid li l-Qrati Maltin ikollhom setgħa jisimgħu kawżi li fihom ikunu involuti kull persuna li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta’Malta jew favur ta’ persuna li tkun tinsab f”malta jew favur ta’ korp li jkollu personalita’ ġuridika f’Malta, meta s-sentenza li tingħata tkun tista’ tiġi eżegwita f’Malta. F’din iċ-ċirkostanza, il-preżenza tal-parti mħarrka f’Malta m’hijiex meħtieġa, għaliex kollox jintrabat mal-fatt jekk l-eventwali sentenza tkunx tista’ tiġi eżegwita f’Malta;

Illi mhux minn dejjem kien hemm fehma waħda, la mill-kittieba u wisqa anqas mill-Qrati, dwar x’għandu wieħed jifhem bil-kliem “tista’ tkun esegwita”. Hemm għadd ta’ deċiżjonijiet li jgħidu li biex titwettaq din il-kwalita’, jeħtieġ li jkun hawn f’Malta effetti jew ġid tal-parti mħarrka assenti. Dan jingħad li jgħodd aktar u aktar jekk kemm-il darba l-azzjoni tkun waħda maħsuba għall-ħlas ta’ flus jew danni[20]. Huwa biżżejjed, madankollu, li jkun jinsab f’Malta ġid biex imqar biċċa mill-kreditu kanoniżżat jista’ jiġi soddisfatt għaliex “is-sentenza, almenu f’parti tista’ tiġi eżegwita f’Malta, u l-liġi ma teżiġix illi għandha tkun eżegwita għat-totalita’ tal-kreditu”[21];

Illi, madankollu, l-eżekuzzjoni fuq il-proprjeta’ tal-parti mħarrka m’hijiex il-mod waħdieni kif sentenza tista’ tiġi eżegwita, għall-finijiet tal-artikolu 742(1)(f)[22]. Ingħad li, għall-finijiet tal-artikolu 742(1)(f), l-liġi m’għamlet l-ebda limitazzjoni, u għalhekk għandu jinftiehem li kull għamla ta’ eżekuzzjoni hija biżżejjed biex tissoddisfa l-liġi[23]. Għalhekk, filwaqt li s-sempliċi iskrizzjoni ta’ sentenza ma

---

[19] Art. 742(1)(f) tal-kap 12
[20] P.A. **30.10.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Bruno noe vs Buhaġiar et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.164**)
[21] P.A. **20.4.1937** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi noe vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **XXIX.iii.350**)
[22] Ara App. Ċiv. **11.3.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Fernandez vs Paċe noe*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.190**) għal ġabra dettaljata ħafna ta’ deċizjonijiet dwar it-tifsira ta’ “tista’ tkun esegwita”
[23] P.A. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo vs Cremona et noe*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.623**)

jservix biex tirradika l-eżekuzzjoni ta’ sentenza għall-finijiet tal-liġi, jeħtieġ li jintwera li l-eżekuzzjoni tista’ ssir tassew u fattwalment i mhux biss eventwalment u b’mod ipotetiku, fis-sens li s-sentenza ma tkunx biss sempliċi formalita’, “priva minn kull possibilita’ ta’ effettwazzjoni prattika u konkreta, iżda kapaċi ta’ riżultament effikaċi realiżżabbli f’dawn il-Gżejjer”[24]. Il-mod ta’ kif il-jedd pretiż jista’ magħruf b’sentenza jista’ jiġi eżegwit jiddependi ħafna min-natura tal-azzjoni li titressaq quddiem il-Qorti u mill-fattispeċi partikolari tal-każ;

Illi jrid jintwera wkoll li fejn dan l-element huwa meħtieġ, **fil-waqt li nbdiet il-kawża**, l-imħarrek kellu f’Malta ġid li fuqu eventwali sentenza mogħtija kontrih setgħet tiġi eżegwita[25]. Safejn ma jiġix muri mod ieħor, huwa meqjus li sentenza mogħtija kontra persuna barranija tista’ tiġi eżegwita f’Malta. Jidher li, b’ħarsien tal-prinċipju li min jeċċepixxi jrid jipprova, jaqa’ fuq min jallega li l-Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni li juri kif imiss ukoll li l-parti mħarrka m’għandhiex ġid f’Malta li fuqu sentenza tista’ tiġi eżegwita[26];

Illi, mbagħad, hemm ċirkostanza oħra li wieħed għandu jqis u li toħroġ b’mod ċar mill-atti tal-kawża. Din iċ-ċirkostanza hi li l-eċċezzjoni taħt eżami tqanqlet mill-Kuraturi Deputati **wara** li l-Qorti (diversament presjeduta) kienet semgħet il-provi fil-mertu, anzi, kienet saret saħansitra dikjarazzjoni min-naħa tal-kumpannija attriċi fis-sens li ma kienx għad fadlilha provi oħrajn xi tressaq. Sa dak l-istadju, l-Kuraturi Deputati ma kinux għadhom ħadu sehem attiv fil-proċedura, imma f’kull każ fejn ittella’ xhud min-naħa tal-kumpannija attriċi kienet saret riżerva għall-kontro-eżami mill-istess Kuraturi Deputati. B’dan kollu, din il-Qorti tifhem li l-kawża kienet imxiet lil hinn mill-istadju bikri *in limine* qabel ma kienet imqar tressqet l-imsemmija eċċezzjoni. Ingħad diġa’ li l-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, minħabba n-natura tagħha, trid titressaq

---

[24] ***Fernandez vs Paċe***, a fol. 202

[25] App. Ċiv. **2.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. G. Montanaro Gauċi noe vs Mary Bickford*** (Mhix pubblikata)

[26] Ara, Kumm. **14.12.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi noe vs Ganado et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.843**)

qabel ma l-parti mħarrka tieħu xi sehem fil-kawża b'mod li wieħed jifhem li hija tkun aċċettat il-ġurisdizzjoni[27];

Illi wara li fliet bir-reqqa l-fatti kollha li jirriżultaw s'issa u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin, il-Qorti ssib li, fil-fatt, hija għandha s-setgħa li tisma' u tiddeċiedi l-kawża mressqa mill-kumpannija attriċi kontra l-imħarrek Goma Eteer, kif rappreżentat mill-Kuraturi Deputati, u li għalhekk l-eċċezzjoni preliminari tal-ġurisdizzjoni ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri** mressqa mill-Kuraturi Deputati u tiddikjara li l-kawża mressqa mill-kumpannija attriċi taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta għall-finijiet kollha tal-liġi; u

**Tordna** lis-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[27] Ara P.A. RCP **12.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Lifts Services Limited vs Dr. Dominic Cassar et noe***